**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020.**

**Rikors nru: 139/2020 AGV**

**ABC**

**Vs**

**DC**

**Il-Qorti ;**

**Rat r-rikors ta' ABC datat 26 ta' Mejju 2020, fejn espona bir-rispett u kkonferma;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit- 13 ta' Dicembru 2003 gewwa UMM Al Qwain Court, Dubai, El- Emitari Arabi Uniti u z-zwieg taghhom gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta bin-numru 221/2004, Dok. A.
2. Illi minn daz-zwieg twieldu zewgt itfal, E li twieldet fid- 9 ta' Awwissu 2005 u F li twieldet fis- 6 ta' Frar 2009.

3. Illi l-partijiet sseperaw permezz ta’ kuntratt tat- 3 ta’ Jannar 2020, fl-atti tan-Nutar Dr Amanda Grech, kopja ta’ liema kuntratt hawn annessa u mmarkat Dok. B;
4. Illi l-istess partijiet ilhom seperati de facto mis-sena 2015 u cjoe’ ghal perjodu li jammonta ghal izjed minn 4 snin matul l-ahhar hames snin u dan kif provdut fl-artikolu 66B (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Illi inoltre’ ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet fir-rigward ta’ manteniment.
6. Illi r-rikorrenti jixtieq jottjeni d-divorzju u li z-zwieg tieghu mal-intimata jigi mahlul.
7. Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriteji imposti mill-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta sabiex iz-zwieg jigi xolt.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tordna li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar it- 13 ta’ Dicembru 2003, gewwa UMM Al Qwain Court, Dubai, El- Emitari Arabi Uniti, u liema zweig gie registrat fir-registru pubbliku ta’ Malta bin-numru 221/2004, jigi mahlul;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, fiz-zmien iffissat mill-istess Onorabbli Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bill-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 25 ta’ Gunju 2020, dehret DC u iddikjarat li ma ghandix oggezzjoni ghat-talbiet tal-attur u ukoll li diga irreverdiet ghal kunjom xbubitha.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**